## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 150/2020

**Il-Pulizija**

**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Abdu Ruhman Abbas**

**Ghogal Hussein**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Abdu Ruhman Abbas detentur ta' numru tal-Pulizija 20A-172 u Ghogal Hussein, detentur ta' numru tal-Pulizija 20A-172 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fit-12 ta' Settembru, 2020, bejn 12:00hrs u 14:00hrs, f'dawn il-Gzejjer u/jew gewwa Hal-Safi Ikkommetta harba semplici mic-centru ta' detenzjoni ta' Safi Barracks Detention Centre, Safi waqt li kienu that il-kustodja ta' persuni inkarigati miz-zamma taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Settembru, 2020 li biha, wara ammissjoni, sabet lill-imputati hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom ghal sitt [6] xhur prigunerija effettiva kull wiehed;

Rat ir-rikors tal-appellant **Ghogal Hussein**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Settembru, 2020, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar il-htija izda tibdilha fil-konfront tieghu [kwantu l-piena] billi taghi dak il-mimimu applikabbli ghalih bhala minuri;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant Ghogal Hussein adixxa lil din i-Qorti b'aggravju singolari dwar il-piena erogata fil-konfront tieghu dan ghaliex stante li huwa minorenni l-ewwel Qorti kellha tassattivament tassattivament tirriduci il-piena bi grad jew

tnejn kif jiddisponi l-artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali izda naqqset milli taghmel dan;

2. Mill-atti processwali jemergi illi quddiem l-ewwel Qorti, l-prosekuzzjoni esebiet id-Dokument JG2 li huwa faxxiklu konsistenti f'pagna wahda dwar id-dettalji tal-appellant Ghogal Hussein. Minn dan id-dokument jirrizulta illi l-imputat twieled fl-1 ta' Jannar tas-sena 2003. Il-Qorti semghet l-argument tal-prosekuzzjoni dwar li f'certi kazijiet meta d-data tat-twelid ta' persuni immigranti li jaslu hawn minghajr dokumenti li juri d-data tat-twelid taghhom, titnizzel id-data tal-1 ta' Jannar. Dwar is-sena tat-twelid, izda, ma jirrizultax li hemm xi kwistjoni. Dan iffisser illi fid-data li fiha tressaq l-imputat quddiem l-ewwel Qorti kien ghad ghandu sbatax-il sena, disa xhur u tnax-il jum u ghalhekk meqjus bhala minorenni fit-termini tal-artikolu 37(2) li jiddisponi hekk:

> **37 (2). Fejn l-att jew nuqqas maghmul minuri minn erbatax-il sena sa sittax-il sena jsir b'hazen u fil-kaz ta' minuri min sittax-il sena sa tmintax-il sena, il-piena applikabbli ghal reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn**.

3. Inoltre, quddiem din il-Qorti l-appellant kien awtorizzat jixhed u kkonferma d-data tat-twelid tieghu kif tidher fid-dok mmarkat Dok JG2 li ghal din il-Qorti huwa dokument awtentiku u trid tistrieh fuqu. Ghalhekk huwa pacifiku illi fil-konfront tieghu kellu jkun applikat l-artiklu 37(2) tal-Kodici Kriminali. Jifdal ghalhekk li jkun ezaminat jekk l-ewwel Qorti applikatx id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu meta erogat

piena ta' sitt (6) xhur prigunerija fil-konfront ta' zewg imputati meta wiehed minnhom, l-appellant, huwa minorenni;

4. L-imputat u il-ko-imputat kienu rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjoni bi ksur ta' dak ipottizat fl-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali, igifieri ta' harba semplici minn centru ta' detenzjoni li jgorr mieghu il-piena ta' "**mhux anqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn sena".** Skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali l-inzul tal-piena bi grad ghal dan id-delitt jissarraf f'minimu ta' tlett xhur u massimu ta' disa xhur filwaqt li inzul b'zewg gradi jissarraf f'minimu ta' ghoxrin jum prigunerija jew detenzjoni jew ghall-ammenda sa massimu ta' sitt xhur;

5. Issa meta l-ewwel Qorti erogat piena ta' sitt xhur prigunerija fil-konfront tal-imputat jista' jfisser illi kkundannatu ghall-massimu tal-piena meta mnaqqsa b'zewg gradi pero' dan ma indikatux fis-sentenza taghha u fl-istess waqt lanqas hu logiku li jkun konkluz hekk fir-ricerka ghal dak li seta' kien il-hsieb tal-ewwel Qorti. Dan ghaliex altrimenti ifisser illi ghall-ko-imputat applikat il-minimu tal-piena erogabbli minkejja li huwa maggorenni mwieled fl-1992 filwaqt illi fil-konfront tal-imputat minorenni applikat il-massima tal-piena mnaqqsa meta t-tnejn kkomettew l-istess delitt. Huwa ghalhekk bil-wisq evidenti illi l-ewwel Qorti ma naqqsitx il-piena fil-konfront tal-imputat appellant kif diretta mill-artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali;

6. L-appellant ghalhekk ghandu ragun u din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost. Konsegwentement qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha l-imputat instab hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u

tibdilha billi thassarha f'dik il-parti li biha kien ikkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur u minflok, wara li rat il-fedina penali tieghu u tenut kont tal-eta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta;

7. Il-Qorti fissret lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

Giovanni Grixti
Imhallef